**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis, 22 ta’ Marzu 2018**

**Talba Nru: 55/18 CZ**

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**Kenneth Albert Edward George Bedingfield (584790 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta’ attrici mressqa fid-29 ta’ Jannar 2018 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ erbat’elef tliet mija u sebgha Euro u erbgha u erbghin centezmu (€4,307.44) in kwantu ghal hames mija u hamsa w

tletin Euro u disghin centezmu (€535.90) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40284842 u tlett'elef seba' mija u wiehed u sebghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€3,771.54) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 55056343.

Illi s-servizzi migbura fil-kont bin-numru 55056343 gew ikkuntrattati mas-socjeta' Mobisle Communications Ltd. liema socjeta' giet, b'effett mid-19 ta' Dicembru 2015, amalgamata fis-socjeta' GO p.l.c.

Illi ghalkemm sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xiehda ta' Mary Anne Camilleri, rapprezentanta tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenut.

Ra li t-talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' erbat'elef tliet mija u sebgha Euro u erbgha u erbghin centezmu (€4,307.44) in kwantu ghal hames mija u hamsa w tletin Euro u disghin centezmu (€535.90) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40284842 u tlett'elef seba' mija u wiehed u sebghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€3,771.54) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 55056343.

2. Illi x-xhud Mary Anne Camilleri ghas-socjeta' attrici kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

3. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

4. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

5. Fil-kaz odjern, il-konvenut giet debitament notifikat u la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fl-14 ta' Marzu 2018.

6. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mill-konvenut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef tliet mija u sebgha Euro u erbgha u erbghin centezmu (€4,307.44) bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza, sal-hlas effettiv. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur